MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 2269/1996/1

**Domenico u Mary Rose konjugi Vigna**

**v.**

**David Paris**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju, 1996 l-atturi ppremettew illi l-attrici appaltat mal-konvenut xogholijiet diversi fil-fond

‘Rodomica’, Triq F. Busuttil, B’Kara proprjeta` ta’ l-attrici Mary Rose Vigna; illi dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu f’xoghol ta’ kostruzzjoni, xoghol ta’ tikhil, tibjid, xoghol ta’ drainage, reparazzjoni ta’ soqfa u xoghol ta’ alterazzjoni strutturali kif ahjar deskritt fl-anness Dok. A; illi l-attrici hallset is-somma ta’ elf u sittin lira Maltin (Lm1,060) akkont tas-somma ta’ elf u mitejn lira maltin (Lm1,200) li kienet l-ispiza ghax-xogholijiet msemmija fil-paragrafu ta’ qabel; illi x-xogholijiet ma sarux kollha u f’kwalsiasi kaz ix-xogholijiet li saru fil-fond tal-attrici, l-konvenut ma ghamilhomx skond l-arti u s-sengha; illi l-attrici appaltat mal-konvenut xogholijiet ohra fil-fond St. George Garage, Triq K. Galea, B’Kara proprjeta` ta’ l-atturi u fl-istess fond ‘Rodomica’, Triq F. Busuttil, B’Kara proprjeta` parafernali ta’ l-attrici, skond l-anness Dok B u C u dawn ix-xogholijiet la saru skond l-arti u s-sengha u wisq anqas ma gew ikkompletati; illi l-attrici appaltat mal-konvenut xoghol tal-aluminium liema xoghol kellu jiswa elf u tmien mitt lira maltin (LM1800) mill-liema somma l-attrici hallset is-somma ta’ sitt mitt lira maltin (LM600) bhala depozitu akkont tal-prezz u l-istess xoghol ta’ aluminium qatt ma rcevietu l-attrici Dok. D; illi l-attrici kkonsenjatlu salib u mera antiki ta’ certu valur biex l-istess konvenut isib ibieghhom u l-istess konvenut la sab il-bejgh u wisq anqas ma rritorna l-istess salib u mera; illi l-attrici kkonsenjat lill-konvenut antiporta biex dan jirrangaha u ippoggiha f’postha u l-istess konvenut ma rritornax din l-antiporta; illi l-konvenut ha mastra tal-pajpijiet minghajr il-permess tal-atturi liema mastra qatt ma rritornaha; dan premess l-atturi talbu li dik l-Qorti:

1. tiddikjara liema xogholijiet mwettqa mill-istess konvenut ma humiex skond l-arti u s-sengha u jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi.

2. tiddkjara kemm mis-somma ta’ elf u sittin lira maltin (LM1060) ghandu l-konvenut ihallas lura lill-atturi bhala flejjez li l-istess konvenut ircieva indebitament.

3. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba xoghol hazin da parti tal-konvenut u minhabba dewmien tal-istess konvenut jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi.

4. tordna lill-konvenut jirritorna s-somma ta’ sitt mitt lira (LM600) liema somma l-konvenut kien rceviha indebitament u qatt ma wettaq ix-xogholijiet.

5. tikkundannah jirritorna s-salib u l-mera antiki kif ukoll l-anteporta u l-mastra proprjeta` ta’ l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fil-25 ta’ Frar, 1997 il-konvenut eccepixxa:-
1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta.

2. Illi minghajr pregudizzju mhux minnu li huma dovuti xi flus lill-attur jew li b’xi mod l-eccipjenti kien inadempjenti fl-obblighi talvolta assunti minnu.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tas-27 ta’ Novembru 2003 bl-mod segwenti:
“Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta’ l-kawza u tiddisponi mit-talbiet ta’ l-atturi billi, wara li ma tqisx l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni u tichad l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut, tikkundanna lill-konvenut irodd lill-atturi elf sitt mija u sittin lira LM1,660), flimkien ma l-imghax minn dak in-nhar meta saret talba ghall-hlas b’att gudizzjarju, u tikkundannah ukoll irodd lill-atturi fi zmien xahar millum il-hwejjeg imsemmija fic-citazzjoni li huma salib bi krocefiss, mera, anteporta u bicca ghodda li taghmel il-kamini. Ghall-ghanijiet ta’ l-art. 222 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar l-esekuzzjoni tal-kundanna ghar-radd tal-hwejjeg, il-qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas penali ta’ ghaxar liri (LM10) ghal kull jum ta’ dewmien fl-esekuzzjoni.

“Billi l-imgieba ta’ l-atturi wasslet biex il-kawza titwal aktar milli kien mehtieg, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha, izda l-ispejjez tar-registru ghandu jhallashom il-konvenut.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“B’dikriet tat-2 ta’ Dicembru 1997 il-qorti hatret perit tekniku sabiex jaghti l-fehma tieghu dwar ix-xogholijiet li ghamel il-konvenut, kemm jiswew, u jekk sarux sew. Kien biss fit-28 t’April 2000 li l-atturi hadu hsieb li l-perit jilqa’ n-notifika tad-dikriet tal-hatra tieghu, u kien biss fil-5 ta’ Gunju 2001 li hadu hsieb jesebixxu d-dokumenti mehtiega ghall-ghanijiet tal-perizja. Il-perit halef ir-relazzjoni tieghu fid-19 t’April 2002.

“Il-perit sab illi x-xogholijiet li ghamel il-konvenut jiswew, b’kollox, hames mija u disghin lira (LM590) mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| Xoghol ta’ bini: | LM420.00 |
| Xoghol tad-drenagg: | LM 90.00 |
| Saqaf tal-kamra tas-sodda: | LM 20.00 |
| Tarag ghall-bejt u opramorta | LM 60.00 |
| B’kollox | LM590.00 |

“Sab ukoll illi x-xoghol fis-sistema tad-dawl sar hazin, u lill-atturi jehtigilhom jonfqu mitejn lira (LM200) biex jirrangawh. Ghalhekk il-valur nett tax-xoghol tal-konvenut huwa ta’ tlett mija u disghin lira LM390). Wara li sarulu mistoqsijiet ghall-eskussjoni l-perit ikkonferma illi l-konkluzzjonijiet tieghu huma validi.

“Il-qorti tqis ukoll izda illi biex isiru llum ix-xogholijiet li kellu jaghmel il-konvenut aktar minn ghaxar snin ilu, l-atturi sejrin ikollhom ihallsu aktar u ghalhekk igarrbu danni, ghax il-prezzijiet illum gholew. Il-qorti ghalhekk *arbitrio boni viri* tqis illi l-beneficcju li hadu l-atturi mix-xogholijiet li ghamel sew il-konvenut – li kif rajna huwa ta’ tliet mija u disghin lira (LM390) – huwa pacut mad-danni li garrbu. Ghalhekk ebda hlas ma jmiss lill-konvenut, u l-hlasijiet li ha akkont – b’kollox elf sitt mija u sittin lira (LM1,660) –

qieghed izommhom *sine causa* u ghandu jroddhom kollha.

"Dwar hwejjeg l-atturi li huma jghidu li qeghdin f'idejn il-konvenut – salib bi krocifiss, mera, anteporta u bicca ghodda li taghmel il-kamini – il-konvenut stqarr illi l-anteporta u l-ghodda qeghdin ghandu, izda l-mera u s-salib "suppost" qeghdin ghand l-atturi. Il-qorti izda, wara li qieset il-mod xejn bil-ghaqal ta' kif il-konvenut ghamel ix-xoghol, hija tal-fehma illi aktar tista' toqghod fuq ix-xhieda ta' l-atturi u ghalhekk sejra tikkundanna lill-konvenut irodd il-hwejjeg kollha msemmija mill-atturi.

"Il-konvenut ressaq ukoll eccezzjoni ta' preskrizzjoni; billi izda ma semmiex l-artikolu tal-ligi li fuqu jibni din l-eccezzjoni, il-qorti ma hix sejra tqisha aktar."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u b'hekk, b'rikors intavolat fis-17 ta' Dicembru, 2003 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza u tilqa' l-aggravji tieghu u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.

L-atturi pprezentaw risposta fid-19 ta' Mejju, 2006 fejn osservaw li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li ghalhekk l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-konvenut appellant ressaq erba' aggravji kontra s-sentenza appellata biss l-ewwel aggravju, u cioe` dak fejn kien qed jigi allegat li huwa ma nghatax l-opportunita` li jressaq l-provi kollha tieghu, gie irtirat kif jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza quddiem din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2006.

It-tlett aggravji l-ohra mressaq mill-konvenut huma s-segwenti:

a) Li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-atturi sofrew danni fl-ammont ta' LM390 minghajr ma tressqu provi fir-rigward. Illi dan l-aggravju mhux gustifikat inkwantu jirrizulta car fis-sentenza li l-ewwel Qorti, tenut kont tal-ispejjez zejda, minhabba l-gholi tal-hajja, li kellhom isiru biex issa, wara tant zmien, isiru x-xogholijiet appalatati lill-konvenut, waslet biex illikwidat ammont *arbitrio boni viri,* kif kien fid-diskrezzjoni taghha li taghmel. L-ammont hekk likwidat gie dikjarat li jikkonsisti f'ammont ekwivalenti ghall-ammont li kien dovut mill-atturi lill-konvenut u b'hekk saret tpacija. Din il-Qorti matara ebda raguni li ticcensura d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

b) Ir-rimanenti zewg aggravji, li jistghu jigu kkunsidrati flimkien, jikkoncernaw l-oggetti li jinsabu fil-pussess tal-konvenut, billi qed jinghad, fl-ewwel lok, li l-ewwel qorti kienet zbaljat meta ddikjarat li l-oggetti kollha kienu ghadhom fil-pussess tieghu u dana nkwantu l-istess konvenut kien xhed li kien irritorna l-mera u l-krocefiss lill-atturi. Fit-tieni lok il-konvenut qed jilmenta dwar il-mod kif gie interpretat u applikat l-Artikolu 222 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel ilment jidher li dan mhux gustifikat billi l-ewwel Qorti esprimiet ruhha favur it-tezi attrici, u cioe` li l-oggetti kollha kienu fil-pussess tal-konvenut, wara li qalet hekk:

"Dwar hwejjeg l-atturi li huma jghidu qeghdin f'idejn il-konvenut – salib bi krocefiss, mera, anteporta u bicca ghodda li taghmel il-kamini – il-konvenut stqarr illi l-anteport u l-ghodda qeghdin ghandu, izda l-mera u s-salib "suppost" qeghdin ghand l-atturi. <u>Il-Qorti izda, wara li qieset il-mod xejn bil-ghaqal ta' kif il-konvenut ghamel ix-xoghol, hija tal-fehma illi aktar tista' toqghod fuq ix-xhieda ta' l-atturi u ghalhekk sejra tikkundanna lill-konvenut irodd il-hwejjeg kollha msemmija mill-atturi.</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-fattispecie kollha tal-kaz hija tal-fehma li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hija gusta u konsegwentement din il-parti ta' dan l-ahhar aggravju mhux gustifikata.

Qed jigi wkoll sottomess illi l-Artikolu 222 tal-Kap. 12 li jaqra hekk: "Jekk it-talba tkun dwar ezekuzzjoni ta' fatt, fis-sentenza ghandu jinghata zmien, skond ic-cirkostanzi, li fih it-tellief ghandu jezegwixxi l-fatt, u ghandu jinghad wkoll kif ghandha tigi ezegwita s-sentenza fin-nuqqas tal-esekuzjoni tal-fatt" gie applikat hazin billi, skond l-appellant, "l-ewwel Qorti kellha taghmel valutazzjoni tal-oggetti li l-attur zamm ghandu u fin-nuqqas li jirritornahom lill-atturi fi zmien li fih gie marbut sabiex jirritornohom, huwa jkun kostrett sabiex ihallas dak il-valur, stabbilit mill-Qorti, tal-oggetti li kellu jirritorna in linea ta' danni." U kompla hekk: "Illi l-ewwel Qorti, peress li l-atturi ma gabu l-ebda prova dwar l-oggetti li huwa [recte: huma] qalu li jinsabu ghand l-attur [recte: konvenut], ma setghetx u m'ghamlitx il-valutazzjoni ta' dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza."

Fir-risposta tal-atturi jinghad hekk f'dan ir-rigward:
"Illi fl-ewwel lok jigi bir-rispett rilevat li a kuntrarju ta' dak sostnut mill-appellant, l-ewwel Qorti segwit dak li jipprovdi l-Artikolu 222 ta' Kap 12, Fil-fatt l-Ewwel Qorti ikkoncediet terminu lill-appellant sabiex fih huwa jkun jista` jirritorna l-oggetti in kwistjoni, **u** stipulat – hekk kif jipprovdi l-istess artikolu – x'jigri fl-eventwalita` li l-appellant jonqos milli jottempera ruhu mas-sentenza."

Din il-Qorti ssib li din is-sottomissjoni ta' l-atturi tista' tkun korretta, pero` fic-cirkostanzi hija tal-fehma li jkun aktar gust li jkun hemm il-provvediment infraskritt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata hlief ghal dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas penali ta'

ghaxar liri ghal kull jum ta' dewmien fl-esekuzzjoni, u minflok din il-penali din il-Qorti tipprovdi li jekk il-konvenut ma jroddx lura l-oggetti, jew xi whud minnhom, fiz-zmien prefiss, il-parti interessata cioe` l-atturi, jistghu jadixxu permezz ta' rikors lil din il-Qorti li, wara li tisma' sommarjament lill-partijiet, tiddetermina l-valur ta' l-oggetti li ghandu jithallas lill-istess atturi; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut; u tordna li t-terminu ta' xahar ghar-radd tal-oggetti msemmija fis-sentenza appellata jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------